DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1389

tal-4 ta' Settembru 2019

li tawtorizza derogi mir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' ċerti kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-pagament ta' ekoloġizzazzjoni għas-sena tat-talba 2019 fil-Belġju, fi Spanja, fi Franza, fil-Litwanja, fil-Polonja u fil-Portugall

(notifikata bid-dokument C(2019) 6438)

(It-testi bil-Franċiż, bil-Litwan, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż u bl-Ispanjol biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 69(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jipprevedi pagament għal prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent ("pagament ta' ekoloġizzazzjoni"). Dawk il-prattiki jinkludu d-diversifikazzjoni tal-għelejjel u l-erjas b'fokus ekoloġiku. Iktar regoli dwar dawk il-prattiki huma stabbiliti fil-Kapitolu 3 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, għall-finijiet tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel, l-art mistrieħa titqies bħala għalla differenti mill-ħaxix jew minn foraġġ erbaċew ieħor. Dan jimplika li l-art li tkun intużat għar-ragħa jew għall-ħsad għal finijiet ta' produzzjoni ma tistax tingħadd bħala art mistrieħa.

(3) Skont l-Artikolu 45(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014, l-art mistrieħa tista' tiġi kkwalifikata bħala erja b'fokus ekoloġiku għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 diment li ma jkun hemm l-ebda produzzjoni agrikola fuqha.

(4) Skont l-Artikolu 45(9) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014, l-erjas li fihom għelejjel intermedji jew kopertura veġetali jistgħu jiġu kkwalifikati bħala erjas b'fokus ekoloġiku għall-finijiet tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 bil-kundizzjoni li dawn ikunu ġew stabbiliti biż-żrigħ ta' taħlita ta' speċijiet ta' għelejjel u diment li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013. L-Istati Membri jridu jistabbilixxu l-lista tat-taħlitiet ta' speċijiet ta' għelejjel li jridu jintużaw u jridu jistabbilixxu, fuq livell nazzjonali, reġjonali, subreġjonali jew tal-azjenda agrikola, il-perjodu li matulu fl-erjas iddikjarati bħala erjas b'fokus ekoloġiku jrid ikun hemm preżenti l-għelejjel intermedji jew il-kopertura veġetali. Dak il-perjodu ma għandux ikun inqas minn tmien ġimgħat. Barra minn hekk, l-erjas li fihom għelejjel intermedji jew kopertura veġetali ma għandhomx jinkludu l-erjas li fihom għelejjel tax-xitwa li jinżergħu fil-ħarifa, ġeneralment għall-ħsad jew għar-ragħa.

(5) Il-Belġju, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja ddeċidew li l-erjas li fihom art mistrieħa u li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 45(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014 u l-erjas li fihom għelejjel intermedji jew kopertura veġetali u li jikkonformaw mal-Artikolu 45(9) ta' dak ir-Regolament jistgħu jitqiesu bħala erjas b'fokus ekoloġiku f'konformità mal-punti (a) u (i) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

(6) Il-Belġju, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja infurmaw lill-Kummissjoni li n-nixfa kbira li esperjenzaw fir-rebbiegħa u fis-sajf kellha effetti kumulattivi għad-detriment tal-attività agrikola, billi poġġiet pressjoni fuq ir-rendimenti tal-veġetazzjoni li tintuża għall-għalf tal-annimali, speċjalment il-bwar u l-mergħat.

(7) In-nixfa kbira wasslet biex is-setturi tat-trobbija tal-bhejjem ikollhom skarsezza ta' foraġġ u minħabba fiha ma setax ikollhom ħażniet ta' riżerva. Dawk l-iżviluppi qajmu tħassib, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fl-ispejjeż b'riżultat tan-nuqqas ta' produzzjoni, u qiegħdu f'riskju l-vijabbiltà tal-azjendi kkonċernati.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa skont skemi ta' appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 1).

(8) Sabiex il-bdiewa fl-erjas affettwati jkunu jistgħu jagħmlu użu kemm jista' jkun possibbli mill-erjas disponibbli tagħhom għall-fini li jagħlfu l-annimali, il-Belġju, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja talbu li jkunu awtorizzati jidderogaw minn ċerti kundizzjonijiet relatati mal-pagament ta' ekoloġizzazzjoni fir-rigward tal-art mistrieħa li tkun ġiet iddikjarata li tissodisfa r-rekwiżiti għad-diversifikazzjoni tal-għelejjel jew għall-erjas b'fokus ekoloġiku f'konformità mal-Artikolu 44(4) u l-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, rispettivament.

(9) Għall-istess raġunijiet, il-Belġju, Franza, il-Litwanja u l-Polonja talbu li jkunu awtorizzati jidderogaw minn ċerti kundizzjonijiet relatati mal-pagament ta' ekoloġizzazzjoni fir-rigward ta' erjas li fihom għelejjel intermedji jew kopertura veġetali li jkunu ġew iddikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-erjas b'fokus ekoloġiku f'konformità mal-punt (i) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

(10) Barra minn hekk, xi bdiewa fi Franza, fil-Litwanja u fil-Polonja ma setgħux jiżirgħu għelejjel intermedji jew kopertura veġetali fil-waqt xieraq minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi estremi li wasslu biex il-kundizzjoni tal-ħamrija ma tkunx tajba għax-xogħol tat-tħejjija. B'konsegwenza ta' dan, mingħajr ma titnaqqas id-durata tal-perjodu li matulu għandhom ikunu preżenti l-erjas li fihom għelejjel intermedji, l-implimentazzjoni tal-pjan tal-għelejjel tagħhom se tkun diffiċli, b'mod partikolari fejn sussegwentement jippjanaw li jiżirgħu xi għalla tax-xitwa. Wara li jgħaddi dan iż-żmien ottimali, il-bdiewa jissugraw li jkunu obbligati jiżirgħu għelejjel tax-xitwa f'kundizzjonijiet ħżiena, u b'hekk iqiegħdu fil-periklu r-rendiment futur tal-għelejjel ikkonċernati.

(11) Fid-dawl tas-severità tan-nixfa fl-2019 fl-erjas affettwati u l-konsegwenzi tagħha, jixraq li jiġu previsti derogi mill-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tal-art mistrieħa għall-fini tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel, mill-Artikolu 45(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014 fir-rigward tal-art mistrieħa għall-kwalifika bħala erjas b'fokus ekoloġiku skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, u mill-Artikolu 45(9) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014 fir-rigward ta' erjas li fihom għelejjel intermedji jew kopertura veġetali għall-kwalifika bħala erjas b'fokus ekoloġiku skont il-punt (i) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

(12) Madankollu, sabiex tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tipprevedi biss derogi mill-obbligi tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel u tal-erjas b'fokus ekoloġiku bil-qies u għall-perjodu li jkunu strettament meħtieġa. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li d-derogi previsti f'din id-Deċiżjoni ikunu applikabbli għall-bdiewa stabbiliti f'erjas formalment rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati bħala affettwati minn dik in-nixfa, li rriżultat f'nuqqas sinifikanti ta' riżorsi tal-foraġġ. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll iktar kundizzjonijiet b'rabta mad-deroga.

(13) Filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' strumenti oħra u l-karatteristiki speċifiċi tal-erjas affettwati, inkluż is-sistemi tal-biedja u l-użu tal-art eżistenti, jenħtieġ li l-Belġju, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja jkollhom il-possibbiltà li jiddeċiedu liema minn dawn id-derogi japplikaw fl-erjas affettwati u b'liema qies, diment li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Meta jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni tad-derogi fl-erjas affettwati, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jqisu b'mod xieraq l-objettivi tal-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent u, b'mod partikolari, il-ħtieġa għal protezzjoni suffiċjenti tal-kwalità tal-ħamrija u tal-kwalità tar-riżorsi naturali u tal-bijodiversità, speċjalment matul l-iktar perjodi sensittivi għal meta joħorġu l-fjuri u għall-għasafar li jbejtu.

(14) Sabiex jiżguraw li d-derogi awtorizzati b'din id-Deċiżjoni jkunu effettivi, jenħtieġ li l-Belġju, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom fi żmien 14-il jum mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, u jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet tagħhom fi żmien sebat ijiem wara d-data li fiha tkun ittieħdet id-deċiżjoni.

(15) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-applikazzjoni korretta tar-regoli rilevanti u l-impatt tad-derogi, jenħtieġ li l-Belġju, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja jipprovdu informazzjoni dwar in-numru ta' ettari koperti bl-għan li jiġi vvalutat l-impatt tad-derogi fuq l-objettivi ambjentali tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel u tal-erjas b'fokus ekoloġiku stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1307/2013. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tkun disponibbli għall-Kummissjoni sal-15 ta' Diċembru 2019 billi jintużaw l-istrumenti ta' ġestjoni eżistenti. Sal-istess data, jenħtieġ li l-Belġju, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja jipprovdu lill-Kummissjoni valutazzjoni tal-impatt tad-deroga fuq l-objettivi tal-ambjent, tal-bijodiversità u tal-klima marbuta mal-erjas b'fokus ekoloġiku, mal-għelejjel intermedji u mad-diversifikazzjoni tal-għelejjel, u fejn ikun xieraq jenħtieġ li jipprovdulha deskrizzjoni tal-miżuri biex jittaffa kwalunkwe impatt negattiv identifikat.

(16) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni tad-derogi

1. B'deroga mill-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, għas-sena tat-talba 2019, il-Belġju, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja jistgħu jiddeċiedu li l-art mistrieħa titqies bħala għalla distinta anke jekk tali art tkun intużat għar-ragħa jew għall-ħsad għal finijiet ta' produzzjoni.

2. B'deroga mill-Artikolu 45(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014, għas-sena tat-talba 2019 il-Belġju, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja jistgħu jiddeċiedu li dik l-art mistrieħa titqies bħala erja b'fokus ekoloġiku skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 anke jekk tali art tkun intużat għar-ragħa jew għall-ħsad għal finijiet ta' produzzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 45(9) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014, għas-sena tat-talba 2019 il-Belġju, Franza, il-Litwanja u l-Polonja jistgħu jiddeċiedu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin għall-kwalifika bħala erjas b'fokus ekoloġiku f'konformità mal-punt (i) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013:

(a) li l-erjas li fihom l-għelejjel intermedji jew kopertura veġetali jistgħu jiġu stabbiliti mingħajr ma tinżera' taħlita ta' speċijiet ta' għelejjel, diment li l-għelejjel li jinżergħu jkunu ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor;

(b) li l-erjas li fihom l-għelejjel intermedji jew kopertura veġetali jistgħu jinkludu erjas li fihom l-għelejjel tax-xitwa li jinżergħu fil-ħarifa ġeneralment għall-ħsad, għall-foraġġ jew għar-ragħa.

4. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(9) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014 għas-sena tat-talba 2019, Franza, il-Litwanja u l-Polonja jistgħu jqassru l-perjodu obbligatorju minimu li matulu għandhom ikunu preżenti l-erjas li fihom l-għelejjel intermedji jew kopertura veġetali kif stabbilit f'dik id-dispożizzjoni, diment li wara tinżera' għalla tax-xitwa.

Artikolu 2

Erjas kkonċernati mid-derogi

Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom japplikaw biss għall-erjas fejn ikunu jinsabu l-bhejjem affettwati jew fil-każ tal-Artikolu 1(4) fejn il-kundizzjoni tal-ħamrija ma baqgħetx tajba għax-xogħol tat-tħejjija qabel iż-żrigħ fiż-żmien rilevanti u għalhekk ipprevjeniet il-konformità mal-Artikolu 45(9) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014, u li jkunu formalment rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Belġju, ta' Franza, tal-Litwanja, tal-Polonja, tal-Portugall u ta' Spanja li fl-2019 ġew affettwati min-nixfa kbira.

Artikolu 3

Limitu ta' żmien

Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom jittieħdu fi żmien 14-il jum mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Għoti tan-notifika

1. Fi żmien sebat ijiem wara d-data li fiha ttieħdu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1, il-Belġju, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) bl-erjas formalment rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li fl-2019 ġew affettwati min-nixfa kbira;

(b) bid-deċiżjonijiet li ttieħdu skont l-Artikolu 1, inkluż in-natura tad-derogi applikati fil-livell NUTS 3 u l-ġustifikazzjoni għall-użu tad-derogi fl-erjas ikkonċernati.

2. Sa mhux iktar tard mill-15 ta' Diċembru 2019, il-Belġju, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bin-numru ta' azjendi li użaw id-derogi previsti fl-Artikolu 1 u n-numru ta' ettari fejn ġew applikati d-derogi previsti fl-Artikolu 1. Dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-livell NUTS 3. Sal-istess data, il-Belġju, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni valutazzjoni tal-impatt tad-deroga fuq l-objettivi tal-ambjent, tal-bijodiversità u tal-klima marbuta mal-erjas b'fokus ekoloġiku, mal-għelejjel intermedji u mad-diversifikazzjoni tal-għelejjel, u fejn ikun xieraq jenħtieġ li jipprovdulha deskrizzjoni tal-miżuri biex jittaffa kwalunkwe impatt negattiv identifikat.

Artikolu 5

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika tal-Litwanja, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika Portugiża u lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni